**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ. Nru. 637/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Michela Camilla Portelli**

**Illum 20 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Michela Camilla Portelli, bint Claire Portelli, imwielda l-Pietà fis-17 ta' Awwissu 1997, residenti ġewwa fond f'Marsa Road, Ħamrun, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 373797(M), talli matul ix-xahar ta' Ottubru 2018, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet serq għad-detriment ta' Rita Portelli, liema serq huwa aggravat bil-valur li mhux iżjed minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bi ksur ta' l-Artikoli 18, 261(ċ), 267 u 279 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u aktar talli fl-istess żminijiet naqset milli tosserva l-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti (Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D.) nhar l-24 ta' Lulju 2018, fid-Digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, billi waqt li kienet meħlusa mill-arrest ikkommettiet delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja bi ksur ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-eżami l-imputata ddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2018 markati Dok. "MS1" sa' Dok. "MS4" a fol. 7 sa' 14 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda tas-Surġent Mark George Cremona[1] u ta' Claire Portelli[2] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018 u rat id-dokument esebit mis-Surġent Mark George Cremona markat Dok. "MC" a fol. 30 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Rita Portelli mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Ottubru 2018[3] u tat-18 ta' Ottubru 2018[4] u x-xhieda ta' l-Ispettur Matthew Spagnol mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MS1" sa' Dok. "MS4" a fol. 44 sa' 47 tal-proċess, semgħat ix-xhieda ta' Stephanie Grech mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018[6] u x-xhieda tal-Probation Officer Marilyn Formosa mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2018[7];

Rat in-Nota ta' Rinvju ta' l-Avukat Ġenerali datata 19 ta' Diċembru 2018[8] li permezz tagħha bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 18, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Diċembru 2018[9], wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, inqraw l-Artikoli u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputata jekk għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jitmexxa bi proċedura sommarja, hija ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat in-Noti tal-Probation Officer Marilyn Formosa ppreżentati fil-5 ta' Frar 2019[10], fl-1 ta' Marzu 2019[11] u fl-4 ta' April 2019[12] u rat id-dokument, ossia s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Michela Camilla Portelli" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Novembru 2018, esebita mill-imputata permezz ta' Nota ppreżentata fl-4 ta' April 2019 a fol. 91 sa' 95 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-imputata qed tiġi akkużata talli matul ix-xahar ta' Ottubru 2018, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet serq għad-detriment ta' Rita Portelli, liema serq huwa aggravat bil-

[1] Fol. 28 sa' 30 tal-proċess.
[2] Fol. 32 sa' 36 tal-proċess.
[3] Fol. 37 sa' 41 tal-proċess.
[4] Fol. 49 u 50 tal-proċess.
[5] Fol. 42 u 43 tal-proċess.
[6] Fol. 51 u 52 tal-proċess.
[7] Fol. 73 u 74 tal-proċess.
[8] Fol. 76 tal-proċess.
[9] Fol. 82 tal-proċess.
[10] Fol. 86 tal-proċess.
[11] Fol. 88 tal-proċess.
[12] Fol. 96 tal-proċess.

valur li mhux iżjed minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37) bi ksur ta' l-Artikoli 18, 261(ċ), 267 u 279 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta w aktar talli fl-istess żminijiet naqset milli tosserva l-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti (Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D.) nhar l-24 ta' Lulju 2018, fid-Digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, billi waqt li kienet meħlusa mill-arrest ikkommettiet delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja bi ksur ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputata wieġbet li hija ma hijiex ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha.

In segwitu għall-kumpilazzjoni fil-konfront ta' l-imputata l-Avukat Ġenerali, permezz ta' Nota ta' Rinviju datata 19 ta' Diċembru 2018[13], bagħat lill-imputata biex tiġi ġudikata minn din il-Qorti dwar reati a tenur ta' l-Artikoli 17, 18, 31, 261(ċ), 267, 279(a), 533 u 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imputata ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Dwar il-mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda ċentrali lill-allegata vittma Rita Portelli[14], lil bintha Claire Portelli[15] - li tiġi wkoll omm l-imputata - u lis-Surġent 345 Mark George Cremona[16].

Is-Surġent Mark George Cremona xehed illi *fil-5 ta' Ottubru ta' din is-sena jiena irċevejt telefonata mingħand omm Michela, Claire Portelli, fejn kienet qaltli li Michela kienet serqet il-credit card ta' nannitha u ġibdet €800. Jiena ppruvajt inċempel lil Michela fejn ftit minuti wara daħlet l-istess Michela l-Għassa sabiex tiffirma. Jiena staqsejtha jekk kienitx waħdeha u hi qaltli li kienet ma' nannitha dakinhar. Lil Michela għedtilha illi jiena xtaqt inkellem lil nannitha fejn meta kellimt lin-nanna tagħha Rita Portelli u semmejtilha rigward dawn it-€800 ikkonfermatli u qaltli li vera kienu nġibdu €800 u hi kienet indunat għaliex marret sabiex tiġbed il-flus u indunat li ma kellhiex flus fil-bank. Hija kienet għamlet kuntatt mal-Bank of Valletta u fil-fatt ukoll kienet ġabitli kopja tat-transazzjonijiet fejn fi żmien 3 ijiem kienet ġibditilha €800 li huma l-istess €800 li kienet tefgħet hi stess - direct debit naħseb dan xi pensjoni jew xi flus li kienet qed tieħu, ma tagħmilx differenza - li kienu daħlu fil-kont tal-bank fit-2 ta' Ottubru. Jiġifieri fit-2 ta' Ottubru daħlu €800 imbagħad bejn it-2 ta' Ottubru u l-4 ta' Ottubru nġibdu dawn it-€800. Niskuża ruħi bejn it-2 ta' Ottubru u l-5 ta' Ottubru. … nġibdu f'ammont varji €100, €50, €100, €50, €100, €100, €100, €100 u €98.94. Hawnhekk għandi kopja tat-transazzjonijiet illi nixtieq nesebiha* - id-dokument jinsab in atti markat Dok. "MC" a fol. 31 tal-proċess. *Meta kellimt lin-nanna tagħha kif Michela kellha l-card tagħha hija qaltli naħseb li ħaditha mill-handbag għaliex lil Michela kienet tmur twassalha hi. Staqsejtha wkoll lil nannitha kif għandha l-pin number ta' l-istess card u hi qaltli li naħseb ħaditulha mill-portmoni għaliex il-pin number kienet iżżommu fil-portmoni wkoll. Lil Michela jiena żammejtha arrestata, infurmajtha bl-arrest tagħha fejn ftit wara kienet ċemplet Dr. Yanica u ħadet il-pariri legali tagħha, infurmajt lill-Ispettur Spagnol fejn imbagħad kompla bl-investigazzjonijiet tiegħu hu. Li nixtieq insemmi jekk tippermettili l-Qorti huwa li jiena lil Michela kellimtha,*

---

[13] Fol. 76 tal-proċess.
[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, fol. 37 sa' 41 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seudta tas-16 ta' Ottubru 2018, fol. 32 sa' 36 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, fol. 28 sa' 30 tal-proċess.

*kellimt lil nannitha u kellimt anke lil ommha u huwa stat ta' fatt illi hemm problema.* In kontro-eżami s-Surġent 345 Mark George Cremona ulterjorment iddikjara li *li nista' ngħid huwa li Michela lili personali qaltli li għandha l-problema tad-droga u qaltli wkoll illi għandha d-dejn man-nies. Fil-fatt jiena lilha, lil Michela fhemtha u għedtilha li ma tistax tkompli takkumula dawn l-affarijiet jiġifieri dan hu li kont se nsemmi jiena l-ewwel. Huwa stat ta' fatt li qalituli hi stess. Mhux hi stess imma hi, nannitha w anke ommha għaliex nannitha l-Għassa meta tkellmet miegħi, din tkellmet miegħi tibki nannitha u naħseb jekk il-Qorti tista' ssib soluzzjoni biex tgħin lil Michela, vera aħna noħorġu c-charges għall-Qorti imma aħna qegħdin hawnhekk biex ngħinu lin-nies naħseb fl-aħħar mill-aħħar.*

Claire Portelli, bint l-allegata vittma Rita Portelli w omm l-imputata, iddikjarat illi *kont qiegħda ma' ommi, ċempilt il-bank għaliex nieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji ta' ommi w ommi sabet illi kien għad fadlilha €5 meta kienet għadha kemm daħlitilha somma ta' flus li kienet għal għixien tagħha għal xahar sħiħ. ... Dik hija kirja. Ikollha kirja li tidħol fl-aħħar tax-xahar, kienet qed tistenniha ovvjament għaliex ikollha bżonn il-flus, ommi għandha sebgħa u sittin sena u l-finanzi tagħha nieħdu ħsiebhom jiena u hija. Dak il-ħin ġiet kumbinazzjoni card mill-bank u ċempilt qaltli biex nattivaha u meta tkellimt mal-bank rajt lil ommi tibjad u qaltli ma kienx hemm iktar flus għaliex il-flus inġibdu. ... Jiena ċempilt l-Għassa u infurmajthom li lil ommi nsterqitilha l-pensjoni kollha bil-cards tagħha.* Mistoqsija *tajthom xi informazzjoni iktar minbarra li nġibdu dawn il-flus jekk jogħġbok?* Claire Portelli wieġbet *le, għedtilhom illi Michela kellha tiffirma l-Għassa u jekk kellha tiġi hemmhekk kellhom jistaqsuha x'sar minn dawn il-flus għaliex ovvjament konna qegħdin nisperaw li forsi kienu fuqha jew jinġabru jew hekk. Jiena qiegħda maqsuma bejn ommi u t-tifla. Binti serqet lil ommi. Poġġi ruħek fis-sitwazzjoni tiegħi. X'nista' nagħmel jiena?* Mistoqsija dwar kif ġiha s-suspett fl-imputata, Claire Portelli wieġbet *għaliex it-transazzjonijiet skond il-bank kienu saru mill-Ħamrun u Michela kienet qiegħda l-Ħamrun. ... Iva f'dawk il-ġranet kienet qiegħda l-Ħamrun. ... Kienet qed tkun fl-inħawi tal-Ħamrun f'dak il-perijodu. ... Rawha xi nies li qaluli li kienet qiegħda hemmhekk, kien hemm drabi meta mort biex noħdilha l-ikel u meta mort biex nuriha lit-tifel tagħha kienet hemmhekk ukoll f'dik l-area. Jiġifieri jiena kont naf illi kienet f'dik iż-żona.* Mistoqsija jekk qabel din id-darba kienx hemm każijiet simili għal dak odjern, Claire Portelli wieġbet *ta' serq le. Kien hemm każijiet meta kien hemm chaos id-dar minħabba sitwazzjonijiet familjari tagħna u din hija spiss kif jafu l-Għassa ta' San Ġiljan. Kien ikun hemm telefonati u hekk u chaos sħiħ.* Mistoqsija ulterjormet *però bħala serq fl-ambitu familjari din hija l-ewwel darba?* Claire Portelli wieġbet *ifhimni jekk in-nanna tagħżel li tagħtiha flus dak ma huwiex serq għaliex in-nanna tagħmel għażla li tagħtihomlha. Forsi mhux sew imma n-nanna tagħmel l-għażla li tagħtihomlha. F'dan il-każ ommi ma tatx l-awtorizzazzjoni tagħha li dawk il-flus teħodhom Michela imma lanqas biss naf kif Michela kellha l-pin number ta' ommi. Dik storja oħra imma sa' fejn naf jiena le, din kienet l-ewwel darba li serqet.* In kontro-eżami mistoqsija ulterjorment dwar kif kienet taf li l-imputata kienet il-Ħamrun fiż-żmien meta nġibdu l-flus mill-kont ta' Rita Portelli, Claire Portelli ddikjarat *mela kien hemm okkazzjoni meta ma kellhiex x'tiekol u ħadtilha l-ikel hemmhekk il-Ħamrun u kellna niltaqgħu, ma ġietx u ħallejtulha hekk għand xi ħadd. ... Kien hemm darbi meta rajtha hemmhekk. Kien hemm ħbieb li qaluli li rawha l-Pjazza tal-Ħamrun u kont naf li qiegħda l-Ħamrun, ma kelli l-ebda dubju li qiegħda hemmhekk. Kien hemm ukoll proprjetà ta' ommi li*

*kienet qed torqod fiha avolja l-proprjetà ma kinitx qiegħda fi stat tajjeb. Jiena lil Michela ma nistax neħodha d-dar għaliex issa t-tifel tagħha qiegħed miegħi u hemm ordni mill-Appoġġ illi sakemm ikun hemm it-tifel ma jista' jkun hemm l-ebda chaos.* Claire Portelli ddikjarat ulterjorment *Michela għandha bżonn ħafna għajnuna, għajnuna li jiena mhux qiegħda nsib minn imkien - la mill-Caritas, la mill-Appoġġ, minn imkien. Is-sitwazzjoni tal-familja tiegħi ma hijiex waħda ħafifa.*

L-allegata vittma Rita Portelli ddikjarat illi *Michela tiddependi ħafna minni. Għandha tarbija u ċċempilli u tgħidli Nann m'għandix ħrieqi u m'għandix ikel. Jiena ngħidilha imxi ħa nixtrilek però flus f'ideja ma nagħtihiex u ngħidilha imxi ħa nixtrilek. Aħna mmorru bil-card u nixtru. Nixtrilha l-ħrieqi u nixtrilha dak kollu li għandha bżonn - il-mediċina mingħand l-ispiżjar u kollox. Din ma għandhiex flus, la hi u lanqas hu. Issa hu ma jaħdimx u meta nipprova ngħidilha biex imur jaħdem tgħidli tindaħallux u jiena ma nindaħallux.* Dwar il-każ in eżami Rita Portelli ddikjarat *dak fl-ewwel tax-xahar jidħluli l-flus, jiena daħluli 800 Ewro. … Ikunu ġejjin mill-kirjiet. Jiena qgħadt nistennihom jidħlu, mort niġbed il-flus u qaltli li hawnhekk ma għandekx flus. Jiena ċċekkjajt billi ċempilt il-bank, it-tifla kienet ċemplitli, u qaltli hemmhekk ma għandekx u jiena għidtilha kif jista' jkun ma għandix. Qaluli li kienu nġibdu mill-Ħamrun u jiena għidt dik ħaditli l-card żgur għaliex jiena l-card imdorrija nżommha miegħi jiġifieri peress li konna immorru nixtru flimkien. Jiena naħseb li haditieli ma nafx x'għamlet eżatt. Abbużat naħseb.* Mistoqsija mill-Qorti jekk bejn it-2 u l-5 ta' Ottubru 2018, kellhiex bżonn tuża l-card, Rita Portelli wieġbet *bdejt infittxha u ma sibthiex. … qabel fittixtha u bdejt ngħid x'ġara minnha din il-card. … ma stajtx insibha għal xi 4 ijiem. … Jiena mill-ewwel issusspettajt fiha għaliex hi għandha l-kunfidenza miegħi.* In kontro-eżami, mistoqsija għandhiex interess f'li tkompli b'dawn il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputata, Rita Portelli ddikjarat illi *mhux in-neputija hi u għal ġid tagħha. Jiena għall-ġid tagħha li rrid, kemm jiena u kemm ommha irriduha tara ma' min qed tagħmilha għaliex din qed tagħmilha ma' kumpanija ħażina. L-interess tagħna hu li din issib postha fit-triq it-tajba. Jiena dejjem ngħidilha, Michela dik imrobbija fil-platt tal-fidda. Dik ommha single parent kienet, ħadet ħsiebha, rabbietha, ahna rabbejniha ta' nies, aħna nħobbuha u tagħmilha ma' l-agħar nies fil-Ħamrun, tiġri man-nies drugati. Jiena ma niflahx iktar. Issa spiċċat serqet lili. Aħna rriduha tirranġa ħajjitha. Morta jiena l-Caritas l-ewwel il-Furjana u qaluli li jridu jiġu huma u hi qalet li marret. Daqqa tgħid li se tagħmel programm u daqqa oħra tgħid li le. Li naf hu li għandha bżonn l-għajnuna. Jiena tal-flus naħfirhomlha mela le, però rridu nirranġaw is-sitwazzjoni u jiena naħseb li trid tagħmel programm u trid tagħmel xi ħaġa. Mhux se nibqgħu mmorru l-Pjazza tal-Ħamrun u noqghodu nieħdu d-drogi.*

Huwa prinċipju assodat fil-kamp kriminali li: *il-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor dak li l-gudikant irid jasal għalih hu li, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.* Kif ingħad minn Lord Denning fil-każ **Miller v. Minister of Pensions [1974] 2 All E.R. 372**: *proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if*

*it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*[17].

Il-Qorti tal-fehma li fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova li jinkombi fuqha in kwantu mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma hijiex affattu konvinta mill-ħtija ta' l-imputata għar-reati li qed tiġi akkużata bihom. Kemm Rita Portelli kif ukoll Claire Portelli jibbażaw l-affermazzjoni tagħhom li kienet l-imputata li ħadet il-credit card ta' nannitha u biha ġibdet diversi ammonti komplessivament ammontanti għal €800, fuq mera assunzjonijiet u supposizzjonijiet. Di fatti fix-xhieda tagħha l-istess Rita Portelli iddikjarat *qaluli* (il-Bank) *li kienu nġibdu mill-Ħamrun u jiena għidt dik ħaditli l-card żgur għaliex jiena l-card imdorrija nżommha miegħi jiġifieri peress li konna immorru nixtru flimkien.* ***Jiena naħseb li haditeieli ma nafx x'għamlet eżatt. Abbużat naħseb***[18].
Mix-xhieda ta' Claire Portelli, li kienet il-persuna li għamlet ir-rapport mal-Pulizija li lill-ommha nsterqitilha s-somma ta' €800, jirriżulta li hi bbażat is-suspetti tagħha fl-imputata fuq il-fatt li l-flus inġibdu mill-akkwati tal-Ħamrun, lokalità, skontha, dak iż-żmien iffrekwentata mill-istess imputata. Fir-rigward appuntu xehdet: *it-transazzjonijiet skond il-bank kienu saru mill-Ħamrun u Michela kienet qiegħda l-Ħamrun. … Iva f'dawk il-ġranet kienet qiegħda l-Ħamrun. … Kienet qed tkun fl-inħawi tal-Ħamrun f'dak il-perijodu. … Rawha xi nies li qaluli li kienet qiegħda hemmhekk, kien hemm drabi meta mort biex noħdilha l-ikel u meta mort biex nuriha lit-tifel tagħha kienet hemmhekk ukoll f'dik l-aresa. Jiġifieri Jiena kont naf illi kienet f'dik iż-żona*[19].
Is-supposizzjonijiet u assunzjonijiet ta' Claire Portelli u ta' Rita Portelli però ma ġew bl-ebda mod ikkoroborati u ikkonfermati stante li la tressqet prova sodisfaċenti u adegwata li fil-fatt kienet l-imputata li effettwat it-transazzjonijiet li jirriżultaw mid-dokument Dok. "MC" esebit a fol. 31 tal-proċess, liema prova se mai kellha tikkonsisti fil-filmati tas-sistema ta' CCTV ta' l-ATM machines minn fejn saru l-preljevi, u lanqas tressqet il-prova li bħala fatt fiż-żmien in kwistjoni l-imputata kienet tiffrekwenta l-lokalità tal-Ħamrun, liema prova se mai kellha tikkonsisti fit-testimonjanza ta' dawk in-nies, inkluż il-persuna ma' min Claire Portelli allegatament f'okkazzjoni minnhom ħalliet l-ikel għall-imputata, li infurmaw lill-istess Claire Portelli li l-imputata kienet tinsab il-Ħamrun.
Fin-nuqqas ta' tali provi s-suppossizzjonijiet u assunzjonijiet ta' Rita u Claire Portelli jibqgħu appuntu supposizzjonijiet u assunzjonijiet u xejn iktar. Lanqas jista' jingħad li jikkostitwixxu prova indizzjarja tal-ħtija ta' l-imputata in kwantu huwa prinċipju ormai assodat illi: *il-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konkluzzjoni waħda… biex prova indizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konkluzzjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univoċietà tagħha, cioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa hati*

---

[17] Pulizija v. Peter Ebejer, deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Diċembru 1997 u Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Linoe Bezzina, Appell Nru. 10/94 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' April 2003.
[18] Xhieda mogħtija minn Rita Portelli waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, fol. 37 sa' 41 tal-proċess. Enfasi tal-Qorti.
[19] Xhieda mogħtija minn Claire Portelli waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, fol. 32 sa' 36 tal-proċess.

*ta' dak addebitat lilu u allura kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-Liġi*[20].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti assolutament ma hijiex konvita mill-ħtija ta' l-imputata għar-reati lilha addebitati. Apparte l-fatt li ma jirriżultax debitament ippruvat li l-imputata wettqet ir-reati li bihom qed tiġi akkużata, hemm aspetti oħra li serjament iħassbu lill-Qorti fir-rigward ta' dan il-każ. In effetti l-Qorti għandha id-dubji tagħha dwar il-ġenwinità tar-rapport illi sar fil-konfront ta' l-imputata u dana fid-dawl ta' dawn it-tlett ċirkostanzi: (i) mid-dokument Dok. "MC" a fol. 31 tal-proċess jirriżulta li fl-1 ta' Ottubru 2018, ossia qabel ma l-imputata allegatament ħadet pussess tal-credit card ta' Rita Portelli u bdiet tiġbed mill-kont tagħha, kien hemm preljiev, presumibilment mill-istess Rita Portelli, ta' €20 minn ATM machine proprio fil-Ħamrun u akkwist ta' €9.40 mill-Convenience Shop ta' G'Manġa, lokalità ferm qrib tal-Ħamrun; (ii) għalkemm Rita Portelli tikkontendi li kienet ilha xi erbat ijiem qabel id-data tar-rapport, ossia qabel il-5 ta' Ottubru 2018[21], li allegatament indunat li kellha l-credit card nieqsa u dritt ħasbet li ħaditielha l-imputata, kuntrarjament għal dak li huwa mistenni u loġiku li jsir hija ma ħadet ebda azzjoni immedjata biex timblokka din il-credit card; u (iii) it-telefonata minn Claire Portelli lill-Għassa ta' San Ġiljan dwar l-allegat serq tas-somma ta' €800 a detriment ta' Rita Portelli u li biha rrappurtat lill-imputata għal dan l-allegat reat, inċidentalment saret ftit minuti biss qabel ma' l-istess imputata, kumbinazzjoni akkumpanjata minn Rita Portelli stess, irrappurtat proprio f'dik l-Għassa biex tiffirma l-*bail book*[22].

Detto ciò il-Qorti ma tħossx li dak li ġara sar b'intenzjoni ħażina verso l-imputata imma iktar b'riżultat tas-sitwazzjoni familjari infeliċi u prekarja li jinsabu fiha l-istess imputata u l-familjari tagħha, sitwazzjoni din li a detta ta' Claire Portelli u Rita Portelli ma tistax tiġi risolta barra l-ambitu ta' proċeduri ġiudizzjarji in kwantu 'l barra minn tali ambitu l-Aġenziji kompetenti jistgħu jaġixxu biss jekk l-imputata volontarjament tfittex l-għajnuna tagħhom, volontà din li jidher li l-imputata ma għandhiex jew ta' l-inqas meta ġew istitwiti dawn il-proċeduri, ma kellhiex. Nonostante d-diffikultajiet li kjarament għandhom l-imputata u l-familja tagħha, proċeudri ta' natura kriminali ma għandhomx jiġu utilizzati għal tali skopijiet u ċertament il-Qorti ma tistax taddebita ħtija fuq persuna għal reati lilha addebitati meta tali ħtija ma tirriżultax *beyond reasonable doubt* biex dik il-persuna hekk imputata tiġi mġiegħla tieħu dik l-għajnuna li kjarament għandha bżonn.
Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-akkuzi kif dedotti fil-konfront ta' l-imputata ma ġewx ippruvati.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputata ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha u b'hekk tilliberaha mill-akkużi kollha miġjuba kontriha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[20] Ir-Repubblika ta' Malta v. George Spiteri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002.
[21] Dok. "MS3" a fol. 9 sa' 12 tal-proċess.
[22] Vide xhieda tas-Surġent 345 Mark George Cremona mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, fol. 28 sa' 30 tal-proċess.